**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 32 - IT-TLIETA 21 TA' ĠUNJU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri mill-pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-Kunsillier Bonello ressaq emenda dwar para. 5.3 sabiex tiddaħħal il-frażi 'filwaqt li l-Kunsillier Bonello m'attendiex minħabba xi ħaġa aċċidentali li ġrat fil-ġurnata' fl-aħħar tat-tieni sentenza. Din kienet approvata.

1.2. Is-Sindku ressqet emenda biex mill-aħħar tal-paragrafu jinqatgħu il-kliem 'wara s-sajf'. Din kienet approvata.

1.3. F'dan il-ħin reġa tqajjem is-suġġett tal-fuljett għad-diskussjoni. Kien hemm qbil li għandha tinħareġ pubblikazzjoni tal-Kunsill biex titqassam qabel il-Festa. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ħarġa li jmiss se jkun responsabbli minnha l-Viċi Sindku bl-għajnuna tal-editur, is-Sur Salvu Sciberras. Il-Kunsilliera ġew mitluba jgħaddu l-artiklu tagħhom kemm jista' jkun malajr lill-Viċi-Sindku.

1.4. Il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

2.1. Is-Sindku infurmat li dakinhar kienet ġiet mogħtija vawċer ta' €466 sabiex jintefqu f'kotba u/jew xogħlijiet relatati mal-librerija. Hija infurmat ukoll li l-Kunsill kien mogħti ktieb mingħand il-*Malta Institute of Professional Photographers*.

2.2. L-Arċipriet kien reġa' kiteb lill-Kunsill fir-rigward tal-parkeġġ tal-Oratorju u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu joffri somma flus fis-sena sabiex il-parkeġġ ikun jista' jibqa' jinżamm

miftuħ. Kien hemm qbil li mhux possibbli li l-Kunsill jieħu r-responsabbiltà ta' art privata u joħroġ somma flus.

2.3. Is-SE informa li fir-rigward tal-ġuvni li kien attenda għall-intervista u ħarrek lill-Kunsill talli hu kien staqsieh kemm għandu età, kienet saret l-ewwel seduta tat-tribunal fil-qorti u kien hemm qbil li l-avukati miż-żewġ naħat jiddiskutu bejniethom biex jagħmel tentattiv ħalli possibilment jaslu f'xi arranġament.

## 3. TALBIET MILL-KUMITAT FESTI ESTERNI

3.1. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello talab lill-Kunsill sabiex jiddiskuti t-talbiet imressqa mill-Kumitat Festi Esterni. Il-Kunsill aċċetta. Il-Kunsillier Bonello fakkar lill-Kunsill li huwa kien id-delegat magħżul biex jirrappreżenta lill-Kunsill fuq il-Kumitat Festi Esterni. Dawn kellhom numru ta' proposti xi jressqu lill-Kunsill.

3.2. L-ewwel talba tagħhom kienet li l-Kunsill jinsisti mal-awtoritajiet konċernati biex iż-żbir tas-siġar isir fil-ħin (qabel il-festa). Is-SE informa li l-Kunsill dejjem jagħmel l-almu tiegħu u saħansitra din is-sena kien anke kkomunika ma' uffiċjal fl-uffiċċju tal-Prim Ministru biex isir ix-xogħol fil-ħin.

3.3. It-tieni talba kienet biex issir rilokazzjoni tal-gabbani sabiex la jkunu fit-triq tal-purċissjoni u lanqas wara t-terminus. Is-SE informa li kien diġà beda l-proċess u saħansitra kien għamel konsultazzjoni mar-residenti fejn intbagħtu żewġ kummenti fosthom mingħand l-Ispiżerija minħabba li kien hemm bżonn spazju matul il-ġurnata minħabba l-iskema POYC. Is-SE informa li jista' jkun li l-ispazju li se jibqa' jista' ma jkunx biżżejjed għall-kjosks kollha. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li jiftaħ ukoll fil-pjazzetta ta' Triq l-Għenieq (fejn isir il-monti). Il-Kunsill qabel għalhekk li l-ispazju għall-posti jkun kif ġej: Vjal il-Labour (minn Triq il-Ġdida sa 50 metru 'l-isfel fuq iż-żewġ naħat tat-triq), Triq il-Ġdida (il-parti ta' maġenb il-bandli, Vjal il-21 ta' Settembru (fuq in-naħa taċ-Ċentru Ċiviku, bejn Triq Żenqa u Triq Ħal Dgħejf filwaqt li mhux se jingħataw permessi għall-gabbani fissi quddiem l-ispiżerija) u fuq in-naħa tal-bandli bejn Triq in-Nissieġ u Triq l-Għenieq kif ukoll fi Triq l-Għenieq (fil-pjazzetta fejn jarma l-monti).

3.4. It-tielet talba kienet li l-Kunsill ma jagħtix permess lill-każini u ħwienet tal-ikel biex ipoġġu siġġijiet taħt il-bankina waqt il-purċissjoni. Is-SE informa li l-permessi li jinħarġu diġà jkollhom kundizzjoni li jistgħu jarmaw biss fit-triq wara li tkun għaddiet il-purċissjoni u saħansitra l-Kunsill iqabbad żewġ gwardjani biex iduru l-kjosks. Il-Kunsillier Bonello semma li waqt il-laqgħa li jmiss kien se jissuġġerixxi lill-Kumitat Festi Esterni sabiex jidentifika persuna biex iddur il-kjosks mal-gwardjani.

3.5. Ir-raba' suġġeriment kien li jitpoġġew skips matul il-festa. Is-SE informa li dawn dejjem jitpoġġew min-naħa tal-Kunsill.

3.6. Il-ħames talba kienet li jitpoġġew *mobile toilets* wara l-venda. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li diġà jassigura li fil-latrina jkun hemm *toilet attendant* sa tard matul il-ġranet tal-festa.

3.7. Hawnhekk il-Kunsillier Galea informa li kellu informazzjoni li l-Arriva ma kinux se jaċċettaw għeluq sakemm ma jiġux infurmati minn ħafna qabel. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu avżati minn qabel sabiex ikun żgurat li l-Kunsill ma jeħilx multi.

3.8. L-aħħar suġġeriment kien li l-Kumitat Festi Esterni jipprepara ittra biex titqassam mill-amministrazzjoni tal-Kunsill lil kull applikant. Din l-ittra hija intenzjonata li tagħmel appell għal donazzjoni b'risq il-Festa. Għal din il-Kunsill kien diġà aċċetta li ssir waqt il-laqgħa mal-Arċipriet.

3.9. Is-SE informa wkoll li l-Kunsill kien irċieva talba oħra sabiex iħallas 50% tal-ispiża sabiex jinbidel l-azzar ta' Triq il-Parroċċa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jġib stima qabel ma tittieħed deċiżjoni.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' APRIL

4.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

4.2. Is-SE iċċara dwar talba tiegħu għal rimbors ta' flus ta' *e-ticket* tal-Airmalta għal Mornago fejn semma li huwa kien qata' l-biljett fid-dawl li l-prezzijiet kienu qed jgħolew u peress li għal *group booking* Airmalta kienet qed titlob €250 apparti t-taxxi. Huwa kien ħa d-deċiżjoni wara li kkonsulta mal-Awdituri.

4.3. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li l-Kunsilliera jgħinu volontarjament liż-żewġ ħaddiema tal-Kunsill minħabba li se jħallsu għat-titjira minn buthom għalkemm se jkunu fuq xogħol. Ma kienx hemm qbil min-naħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kunsillier Gatt iżda kien hemm qbil li ż-żewġ ħaddiema tal-Kunsill (Josette Micallef u Benjamin Bugeja) jingħataw leave speċjali għal matul iż-żjara f'Mornago.

4.4. Is-SE wera websajt tal-MyMaltaInfo.com fejn dawn kienu qed jipproponu li jieħdu 8 ritratti 360° għal €250 u li jitpoġġew fuq il-websajt tagħhom kif ukoll fuq tal-Kunsill mingħajr skadenza ta' żmien. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jilqa' din il-proposta filwaqt li jikkunsidra postijiet ewlenin bħall-pjazza, it-torrijiet, il-widna radar u ż-żona ta' T'Alla u Ommu, il-knisja minn ġewwa, Palazzo Parisio, Baħar iċ-Ċagħaq, il-picnic area fis-Salina kif ukoll xi mkien agrikolu.

4.5. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami dwar il-ktejjeb tar-ritratti tan-Naxxar, is-SE informa li l-fotografu għadu għaddej bil-ġbid tar-ritratti.

4.6. Il-Kunsill iddiskuta ittra mibgħuta mingħand is-Sinj. Amanda Grima, li għal żmien ħadmet bħala *accountant* mal-Kunsill fejn uriet id-diżappunt tagħha għal kif twaqqaf il-kuntratt kif ukoll semmiet ir-raġunijiet tagħha dwar l-andament tax-xogħol. F'din l-istess ittra hija kienet qed tgħid li ħadmet 167 siegħa f'4 xhur kif ukoll 36 siegħa f'Diċembru u għal dan kollu kienet qed titlob l-ammont totali ta' €3,600. Is-SE informa li huwa kien talabha rendikont ta' kif waslet għal dawn l-ammonti. Is-SE spjega wkoll ir-rati differenti li kien ftiehem magħha l-Kunsill wara li bdiet taħdem.

4.7. Hawnhekk il-Kunsillier Sammut skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien id-9:15pm.

4.8. Kien hemm diskussjoni dwar kemm kien l-ammont ġust li għandha tingħata bħala ħlas. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandu jkun ikkonsultat l-avukat u wara ssir laqgħa magħha. Kien hemm qbil li għall-laqgħa mal-avukat għandu jkun hemm ukoll is-Sindku, il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami, Bonello u Gatt. Wara ssir laqgħa mas-Sinj. Grima. Is-SE staqsa dwar il-*performance bond* fejn il-Kunsill qabel li din għandha tinżamm sakemm il-problema tiġi solvuta.

## 5. RAPPORT TAS-SITWAZZJONI TAL-BANKINI

5.1. Is-SE ressaq rapport inizjali (mhux komplut) li tħejja mill-Kunsilliera Galea u Sammut. Iż-żewġ Kunsilliera kienu daru żoni differenti u taw il-kummenti tagħhom dwar il-bżonnijiet meħtieġa f'kull triq. Kien hemm qbil li dawk it-toroq li huma klassifikati bħala stage 4, jiġifieri fi stat ħażin ħafna għandhom jiġu mgħoddija lill-kuntrattur sabiex jinbeda x-xogħol fuqhom. Dawn huma Triq is-Sejjieħ, Triq is-Salib, Triq il-Minfaħ, Triq San Ġorġ u parti minn Triq Santa Luċija.

5.2. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea dwar l-iskips, is-SE informa li dan is-suġġett ma kienx fuq l-aġenda u minħabba l-fatt ukoll li l-aġenda hija pjuttost twila, ma kienx hemm lok biex tibda diskussjoni fir-rigward.

**6. RAPPORT DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BIĊ**

6.1. Iċ-*Chairperson* infurmat li x-xogħol fuq il-ġnien kien inbeda u kien indikat li se jkun lest f'Settembru li ġej.

6.2. Hija infurmat ukoll li hemm proposta dwar il-*containment* taż-żona u t-tibdil fil-Pjan Lokali fejn il-MEPA qed tipproponi diversi żviluppi u attivitajiet li jkunu permessi fiż-żona ta' ħdejn tal-ġelati (bħal bars, ħwienet, eċċ). Hija infurmat li kien hemm xi proposti li bħala Kumitat Amministrattiv ma kienux jaqblu filwaqt li kienet qed issir petizzjoni minn xi residenti dwar dan ukoll.

6.3. Iċ-Chairperson infurmat li dakinhar kienet saret laqgħa ma' Stephen Vella tal-ADI li kien qed jagħmel SIA dwar iż-żona ta' BIĊ fir-rigward tal-impjant propost minn Wasteserv.

**7. IL-KUNTRATT TAL-PERIT**

7.1. Ġie diskuss il-kuntratt tal-perit fejn is-SE kien qed jirrakkomanda numru ta' punti speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-obbligi u x-xogħol tal-perit u l-metodu tal-ħlas. Wara li saru xi kjarifiki kien hemm qbil li s-SE jipproċedi filwaqt li jkun jista' jikkonsulta mas-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Galea qabel ma jippubblika l-offerti.

**8. IL-PROĠETT TAĦT IL-MIŻURA 313**

8.1. Is-SE informa li l-Kunsill kien fil-proċess li jivverifika mal-MRRA jekk għal dan il-proġett il-Kunsill jistax juża l-Perit tiegħu inkella li jkollu wieħed apposta għall-proġett inniffsu.

8.2. Sadanittant huwa informa li kien ġie kkonfermat li l-Kunsill jista' jaħdem fuq il-proġett tal-erba' mixjiet (skont il-ktejjeb maħruġ mill-Kunsill). Bħalissa qed jiġi preparat pjan fejn se jitwaħħlu t-tabelli (madwar 40). Is-SE informa wkoll li kienet saret laqgħa mal-membri tal-Fondazzjoni Naxxar sabiex jiġu involuti f'dan il-proġett. Huwa qal li t-tabelli se jkunu tal-i*stainless steel* jew *perspex* u qed jiġi ssuġġerit li possibbilment ikunu b'lingwi differenti. Is-SE informa li l-proġett jinvolvi t-twaħħil ta' 10 *litter bins*, li tiġi kreata websajt ġdida apposta, u l-40 tabella.

**9. IŻ-ŻJARA F'MORNAGO F'SETTEMBRU 2011**

9.1. is-SE informa li se tinżamm laqgħa għall-parteċipanti kollha li se jżuru Mornago nhar it-30 ta' Ġunju fis-6:30pm. Barra minn dan, kienet se tinżamm ukoll laqgħa għall-Kunsilliera biss f'ġurnata oħra. Fuq is-suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li jsir sottokumitat magħmul mis-Sindku, u l-Kunsillieri Galea, Bonello u Miceli. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa sadanittant li l-amministrazzjoni tagħmel kuntatt mal-MTA sabiex jgħaddulna xi *tokens* b'xejn sabiex jitqassmu waqt iż-żjara. Is-SE informa li l-Kunsill mhux possibbli li jonfoq aktar minn €3500 f'sena għal spejjeż fuq ġemellaġġ.

**10. AĠĠUSTAMENTI FIL-ĦLASIJIET TAL-GARANZIJI**

10.1. Fuq suġġeriment tas-SE il-Kunsill qabel li l-garanziji għat-tpoġġija ta' makkinarju goff jinbidlu minn €116.47 għal €120 u minn €232.94 għal €230. Fil-kas ta' tpoġġija ta' materjal l-ammont ikun ta' €110. Dan minħabba li mal-bidla tal-ewro kien qed ikun hemm problemi bil-bqija minħabba li m'humiex *round figures*.

**11. IL-PROĠETT TA' TRIQ V. BORON**

11.1. Is-SE informa li kienu nġabu żewġ kwotazzjonijiet mingħand żewġ periti fir-rigward tal-proġett ta' Triq V. Boron. Waħda mill-kwotazzjonijiet però ma kinitx tinkludi kollox u l-oħra l-perit ma mexiex mal-pjanta ssuġġerita mill-Kunsill u l-kwotazzjoni kienet għoliet ħafna.

F'dan ir-rigward il-Kunsill ma qabilx li kellu jmur għal proġett ta' ħafna kobor iżda kellu jillimita għas-suġġeriment kif kien ippropona s-SE. Kien hemm qbil li l-Kunsill xorta waħa għandu jipprova jġib xi fondi mill-gvern ċentrali għal dan il-proġett. Is-Sindku infurmat li kienet lesta tkellem lill-wieħed mill-periti biex joħroġ BOQ għall-i*sketch* li provda l-Kunsill bl-inqas spejjeż possibli.

**12. TALBA GĦAL EŻENZJONI MILL-ĦLASIJIET GĦALL-PERMESSI GĦAL SCAFFOLDING MILL-PL**

12.1. Is-SE ressaq talba mill-Kumitat tal-PL Naxxar għal eżenzjoni mill-ħlas tal-permessi għat-tpoġġija ta' scaffolding biex issir il-manutenzjoni tal-faċċata tal-każin Laburista. Huwa informa li fil-passat kien hemm żewġ każijiet ta' tpoġġija ta' *scaffolding* min-naħa ta' soċjetajiet, fejn is-Soċjetà Vittorja kienu ġew eżentati milli jħallsu minħabba li kien hemm kwistjoni dwar każ ieħor fl-istess waqt u l-Kunsill kien ħafrilhom kollox wara li skużaw ruħhom, filwaqt li s-Soċjetà Peace kienet ħallset il-miżata kollha.

12.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil fil-prinċipju li l-PL jiġi mitlub iħallas 50% tal-ammont dovut kull ġurnata sa mhux aktar minn 30 ġurnata u wara t-30 ġurnata jħallsu l-ammont kollu.

12.3. Hawnhekk is-Sinj. Cuomo skużat ruħha. Il-ħin kien il-10:45pm.

12.4. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li, fid-dawl tat-tibdiliet tal-liġi, tali skont jistax jitqies li huwa donazzjoni u għalhekk ikun irregolari. Għaldaqstant is-SE kien mitlub jivverifika mal-avukat u jekk l-avukat jikkonferma li tali skont jista' jingħata, jintalbu jħallsu €200.

**13. TALBA GĦALL-IRRANĠAR TA' SQAQ 14 FI TRIQ SANTA LUĊIJA**

13.1. Is-SE informa li kellu talba mingħand Rebecca Zammit Tabona sabiex l-isqaq numru 14 fi Triq Santa Luċija jiġi rranġat. Il-Kunsill ma qabilx għaliex mir-ritratti provduti, u anki li ttieħdu mill-amministrazzjoni jidher li l-isqaq mhux f'kundizzjoni tant ħażina u għaldaqstant m'għandux jieħu preċedenza fuq toroq u sqaqien oħra li huma f'sitwazzjoni ferm aktar ħażina.

**14. PREŻENTAZZJONI GĦAR-REBBIEĦA TAL-KOMPETIZZJONI TAL-ĠONNA**

14.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami semmiet li wasal iż-żmien sabiex issir il-preżentazzjoni għar-rebbieħa li pparteċipaw fil-kompetizzjoni tal-faċċati, *front gardens,* eċċ. Kien hemm qbil li għandha tinstab data biex jattendi l-Ministru George Pullicino sabiex issir preżentazzjoni uffiċjali.

**15. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

15.1. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ġibdet l-attenzjoni li l-knis fit-triq tagħha qed isir massimu ta' darba fil-ġimgħa meta suppost li l-kennies jgħaddi tliet darbiet.

15.2. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li terġa' tieħu ż-żona ta' Birguma taħt idejha u tifforma sottokumitat. Il-Kunsill qabel mal-proposta tagħha.

15.3. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li jinżamm *Youth Summer Festival* fejn l-introjtu jmur għal Puttinu Cares. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda kien hemm qbil li għal din is-sena m'hemmx wisq ħin għall-preparamenti u għalhekk isir is-sena d-dieħla.

15.4. Hawnhekk skuża ruħu l-Viċi Sindku. Il-ħin kien il-10:55pm.

15.5. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li jitpoġġa arblu kbir bl-istemma tar-raħal sabiex jintuża mis-soċjetajiet bħalma qed jagħmlu ħafna rħula oħra. Il-Kunsill ma qabilx.

15.6. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Lulju 2011 fis-7:30pm.

15.7. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** | **Skeda Nru. Laqgha 32**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 18 ta' Mejju 2011 sal-14 ta' Gunju, 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Active Enterprises Co Ltd | €265.50 | €185.23 | D | PF | Metal frame (6ft width) complete with installation. Payment reduced due to a pending NLC invoice:13/07 unpaid. | 30/12/2010 | 5754 | n/a | n/a | 2313 | |
| 2 | adi Associates | €131.75 | €131.75 | D | PF | Review of Planning Applications - May 2011 | 31/05/2011 | 846 | n/a | n/a | 3130 | |
| 3 | Agricultural Co-operative Ltd. | €4,195.00 | €4,195.00 | T | PF | April Regular Payment + extra plant material | 30/04/11 | 15953/2344 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer Fees for the month of May 2011 | 01/06/11 | 51 of 2011 | n/a | n/a | 3140 | |
| 5 | Annabelle Attard | €660.00 | €660.00 | D | PF | Zumba fitness Course (this invoice is due to BIC courses) | 18/05/11 | 12011 | 3620 | 3620 | 3381 | |
| 6 | Antoine Fenech | €118.00 | €118.00 | D | PF | for the delivery of several funeral wreaths and 1 bouqet | 15/05/11 | 229 | 3606 | 3606 | 3340 | |
| 7 | Antoine Fenech | €29.50 | €29.50 | D | PF | for the delivery of 1 funeral wreath | 15/05/11 | 230 | 3562 | 3562 | 3340 | |
| 8 | Archway Ironmongery | €94.36 | €94.36 | D | PF | liter gloss white, liter gloss red, cable ties etc | May yr 2011 | 31531 | | | 2370 | |
| 9 | Archway Ironmongery | €240.91 | €240.91 | D | PF | xahx, zrar, ramel etc | 10/05/11 | 31545 | | | 2370 | |
| 10 | ARMS Ltd. | €2,578.31 | €2,578.31 | D | PF | Water and elctricity bills for Naxxar Local Council Offices | 17/05/11 | 13649051 | n/a | n/a | 2130 | |
| 11 | Bitmac Ltd. | €84.96 | €84.96 | D | PF | Instant Road Repair | 19/05/11 | 85239 | 3607 | 3607 | 2311 | |
| 12 | Carmen Micallef | €600.00 | €600.00 | D | PF | 2 Classes of General Fitness and 1 Class of Pilates | 19/05/11 | 1 | 3608 | 3608 | 3381 | |
| 13 | Central Asphalt Ltd. | €1,255.00 | €1,255.00 | K | PF | Cold Asphalt | 02/06/11 | 40538 | p/o 3289 | p/o 3289 | 2311 | |
| 14 | Central Asphalt Ltd. | €224.00 | €224.00 | K | PF | 4 Readymix Concrete C 20 (Mix B) | 20/05/11 | 40440 | 3578 | 3578 | 2311 | |
| 15 | Central Asphalt Ltd. | €2,033.22 | €2,033.22 | D | PF | retension fee for the works done in Triq is-Soghda | 26/01/11 | 39541 | n/a | n/a | 2311 | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,687.51** | **€12,607.24** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,687.51** | **€12,607.24** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

A

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Central Asphalt Ltd. | €3,826.82 | €3,826.82 | D | PF | retension fee for the works done in Triq Santa Maria | 26/01/11 | 39540 | n/a | n/a | 2311 | |
| 17 | Central Asphalt Ltd. | €3,549.52 | €3,549.52 | D | PF | retension fee for the works done in Triq il-Qoton | 26/01/11 | 39539 | n/a | n/a | 2311 | |
| 18 | Charlie Mifsud | €865.84 | €865.84 | T | PF | extra work - May 2011 | 04/06/11 | 890 | n/a | n/a | 3063 | |
| 19 | Charlie Mifsud | €2,086.25 | €2,086.25 | T | PF | Beach cleaning services - May 2011 | 04/06/11 | 888 | n/a | n/a | 3063 | |
| 20 | Charlie Mifsud | €1,625.00 | €1,625.00 | T | PF | Weed cutting of non urban roads - May 2011 | 04/06/11 | 889 | n/a | n/a | 3052 | |
| 21 | Christian Galea | €5,833.33 | €5,833.33 | T | PF | Street sweeping - May 2011 | 31/05/11 | 92 | n/a | n/a | 3051 | |
| 22 | Clint Muscat | €30.00 | €30.00 | D | PF | tower ladder service | 24/05/11 | 52 | n/a | n/a | 3362 | |
| 23 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Fee for advert on 10/06/2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14493 |
| 24 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Fee for advert re: Palazzo Parisio | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14500 |
| 25 | Dr Maria F Deguara | €795.50 | €795.50 | D | PF | mayor's May allowance | 30/05/11 | n/a | n/a | n/a | 1100 | |
| 26 | Frans Vella | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund of deposit for placing machinery at Triq it-Tunnara | 09/06/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 27 | G4S Security Services Ltd | €167.42 | €167.42 | D | PF | Cash collection services | 31/05/11 | GS002719 | n/a | n/a | 3190 | |
| 28 | Go plc | €17.77 | €17.77 | D | PF | Telephony Service for the month of May 2011 | 11/06/11 | 25971700 | n/a | n/a | 2160 | 14501 |
| 29 | Go plc | €176.50 | €176.50 | D | PF | Telephony Service for the month of May 2011 | 11/06/11 | 25971697 | n/a | n/a | 2160 | 14502 |
| 30 | Go plc | €270.30 | €270.30 | D | PF | Telephony Service for the month of May 2011 | 11/06/11 | 25971696 | n/a | n/a | 2160 | 14503 |
| | **Sub Total c/f** | **€19,495.89** | **€19,495.89** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€12,687.51** | **€12,607.24** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€32,183.40** | **€32,103.13** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Grace Camilleri | €167.01 | €167.01 | D | PF | Branch Librarian Services - May 2011 | 31/05/11 | n/a | n/a | n/a | 2995 | |
| 32 | Impressions Ltd. | €31.85 | €31.85 | D | PF | 4 Certificates - Gieh in-Naxxar 2011 | 31/05/11 | 32809 | 3593 | 3593 | 3360 | |
| 33 | Impressions Ltd. | €106.20 | €106.20 | K | PF | 100 invitations for Gieh in-Naxxar activity | 20/05/11 | 32537 | 3585 | 3585 | 3360 | |
| 34 | JGC Ltd. | €52.50 | €52.50 | D | PF | 6 pcs of 45mm rubber tiles | 06/05/09 | 021-09 | n/a | n/a | 2370 | |
| 35 | JGC Ltd. | €105.00 | €105.00 | D | PF | 3 sqr meters of 45mm safe surfacing tiles | 24/09/10 | 118-10 | 3398 | 3398 | 2370 | |
| 36 | Johann Desira | €116.50 | €116.50 | D | PF | refund of deposit for placing machinery at Triq Luqa Briffa | 19/05/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 37 | Joseph Agius | €233.00 | €233.00 | D | PF | refund of deposit for placing machinery at Triq id-Dwieli | 09/06/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 38 | Joseph Calleja | €600.00 | €600.00 | D | PF | Wirja ta' karrettuni antiki fin-Naxxar li saret fl-20-06-2010 | 02/03/11 | 69 | n/a | n/a | 3370 | |
| 39 | Leo's Garage Paramount | €179.30 | €179.30 | K | PF | transport services for the elderly | 15/05/11 | 23662 | n/a | n/a | 3380 | |
| 40 | Leo's Garage Paramount | €193.46 | €193.46 | K | PF | transport services for the elderly | 31/05/11 | 23737 | 3579 | 3579 | 3380 | |
| 41 | Directorate for Lifelong Learning | €489.30 | €489.30 | D | PF | Studying Skills Short Course | 09/05/11 | DLLL/001/11 | n/a | n/a | 3381 | |
| 42 | Maria Regina Colllege Naxxar Primary | €410.00 | €410.00 | D | PF | service given by caretakers in connection with the sports activities | 10/05/11 | n/a | n/a | n/a | 3381 | |
| 43 | Max Timbers | €146.83 | €146.83 | D | PF | pieces of wood and plywood | 31/05/11 | 164 | 3594 | 3594 | 3360 | |
| 44 | Nicholas Sammut | €116.50 | €116.50 | D | PF | Pjazza Celsi c/w Triq il-Markiz Scicluna | 19/05/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 45 | Olimpus Music | €488.24 | €488.24 | D | PF | Yamaha portable PA system & K&M Speaker Stand | 08/06/11 | D14059 | 3600 | 3600 | 7310 | |
| | **Sub Total c/f** | **€3,435.69** | **€3,435.69** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€32,183.40** | **€32,103.13** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€35,619.09** | **€35,538.82** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Paul Demicoli | €116.47 | €116.47 | D | PF | is-Sikka | 09/06/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 47 | Public Transport Association | €3,575.27 | €3,575.27 | D | PF | trips for March/ April & May | 17/05/11 | n/a | n/a | n/a | 3066 | |
| 48 | Re-imbursement - Paul Gatt | €186.78 | €186.78 | D | PF | Re-imbursement for flight ticket for Mornago | 20/06/11 | n/a | n/a | n/a | 3800 | |
| 49 | Ricky Caruana | €473.51 | €473.51 | T | PF | Centre cleaning service - May 2011 | 30/05/11 | NLC05_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 50 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Public Convenience Cleaning - May 2011 | 30/05/11 | NLC05_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 51 | Robert Galea & Carol Cassar | €600.00 | €600.00 | D | PF | aerobics and pilates courses | 09/02/11 | 1 | 3613 | 3613 | 3381 | |
| 52 | Robert Galea & Carol Cassar | €400.00 | €400.00 | D | PF | *to BIC courses)* | 18/03/11 | 2 | 3614 | 3614 | 3381 | |
| 53 | Robert Galea & Carol Cassar | €400.00 | €400.00 | D | PF | aerobics and pilates courses | 09/06/11 | 3 | 3615 | 3615 | 3381 | |
| 54 | Robert Galea & Carol Cassar | €800.00 | €800.00 | D | PF | aerobics, pilates & self defence courses *(this invoice is due to BIC courses)* | 09/06/11 | 4 | 3616 | 3616 | 3381 | |
| 55 | Saviour Galea | €233.00 | €233.00 | D | PF | is-Sikka | 09/06/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 56 | Smart Supermarket Ltd. | €108.25 | €108.25 | D | PF | several different items | 18/05/11 | 31839 | 3571 | 3571 | 3320 | |
| 57 | Staff payments | €8,013.69 | €8,013.69 | D | PF | staff payslips for the month of May | 30/05/11 | n/a | n/a | n/a | 1200 | |
| 58 | The Lighthouse Keepers | €214.35 | €214.35 | T | PF | Job Number: 927/ ref. no.:4965 | 01/06/11 | KLNX927 | n/a | n/a | 3065 | |
| 59 | The Lighthouse Keepers | €66.15 | €66.15 | T | PF | Job Number: 959/ ref. no.:5102 | 01/06/11 | KLNX959 | n/a | n/a | 3065 | |
| 60 | The Lighthouse Keepers | €75.18 | €75.18 | T | PF | Job Number: 931/ ref. no.:4969 | 01/06/11 | KLNX931 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€16,112.65** | **€16,112.65** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€35,619.09** | **€35,538.82** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€51,731.74** | **€51,651.47** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | The Lighthouse Keepers | €251.03 | €251.03 | T | PF | Job Number: 893/ ref. no.:4812 | 17/05/11 | KLNX893 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €15.39 | €15.39 | T | PF | Job Number: 919/ ref. no.:4942 | 17/05/11 | KLNX919 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €203.60 | €203.60 | T | PF | Job Number: 905/ ref. no.:4865 | 17/05/11 | KLNX905 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Job Number: 941/ ref. no.:5034 | 17/05/11 | KLNX941 | n/a | n/a | 3065 | |
| 65 | The Lighthouse Keepers | €31.10 | €31.10 | T | PF | Job Number: 967/ ref. no.:5130 | 17/05/11 | KLNX967 | n/a | n/a | 3065 | |
| 66 | The Lighthouse Keepers | €418.71 | €418.71 | T | PF | Job Number: 795/ ref. no.:4373 | 23/05/11 | KLNX795 | n/a | n/a | 3065 | |
| 67 | The Lighthouse Keepers | €49.44 | €49.44 | T | PF | Job Number: 968/ ref. no.:5145 | 23/05/11 | KLNX968 | n/a | n/a | 3065 | |
| 68 | The Lighthouse Keepers | €20.89 | €20.89 | T | PF | Job Number: 969/ ref. no.:5146 | 23/05/11 | KLNX969 | n/a | n/a | 3065 | |
| 69 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Job Number: 963/ ref. no.:5114 | 11/05/11 | KLNX963 | n/a | n/a | 3065 | |
| 70 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Job Number: 965/ ref. no.:5116 | 11/05/11 | KLNX965 | n/a | n/a | 3065 | |
| 71 | The Lighthouse Keepers | €31.97 | €31.97 | T | PF | Job Number: 956/ ref. no.:5091 | 12/05/11 | KLNX956 | n/a | n/a | 3065 | |
| 72 | The Lighthouse Keepers | €18.80 | €18.80 | T | PF | Job Number: 958/ ref. no.:5101 | 12/05/11 | KLNX958 | n/a | n/a | 3065 | |
| 73 | The Lighthouse Keepers | €41.78 | €41.78 | T | PF | Job Number: 872/ ref. no.:4732 | 13/05/11 | KLNX872 | n/a | n/a | 3065 | |
| 74 | The Lighthouse Keepers | €35.51 | €35.51 | T | PF | Job Number: 873/ ref. no.:4733 | 13/05/11 | KLNX873 | n/a | n/a | 3065 | |
| 75 | The Lighthouse Keepers | €138.94 | €138.94 | T | PF | Job Number: 878/ ref. no.:4742 | 13/05/11 | KLNX878 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€1,275.98** | **€1,275.98** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€51,731.74** | **€51,651.47** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€53,007.72** | **€52,927.45** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | The Lighthouse Keepers | €6.28 | €6.28 | T | PF | Job Number: 882/ ref. no.:4776 | 13/05/11 | KLNX882 | n/a | n/a | 3065 | |
| 77 | The Lighthouse Keepers | €53.87 | €53.87 | T | PF | Job Number: 884/ ref. no.:4779 | 13/05/11 | KLNX884 | n/a | n/a | 3065 | |
| 78 | The Lighthouse Keepers | €41.38 | €41.38 | T | PF | Job Number: 960/ ref. no.:5111 | 11/05/11 | KLNX960 | n/a | n/a | 3065 | |
| 79 | The Lighthouse Keepers | €19.24 | €19.24 | T | PF | Job Number: 966/ ref. no.:5119 | 11/05/11 | KLNX966 | n/a | n/a | 3065 | |
| 80 | The Lighthouse Keepers | €33.07 | €33.07 | T | PF | Job Number: 962/ ref. no.:5113 | 11/05/11 | KLNX962 | n/a | n/a | 3065 | |
| 81 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Job Number: 964/ ref. no.:5115 | 11/05/11 | KLNX964 | n/a | n/a | 3065 | |
| 82 | The Lighthouse Keepers | €5.93 | €5.93 | T | PF | Job Number: 957/ ref. no.:5093 | 11/05/11 | KLNX957 | n/a | n/a | 3065 | |
| 83 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Job Number: 961/ ref. no.:5112 | 11/05/11 | KLNX961 | n/a | n/a | 3065 | |
| 84 | Transient Ltd. | €182.90 | €182.90 | D | PF | Hire of sound equipment on 16.12.2010 | 21/12/10 | 2782 | n/a | n/a | 3350 | |
| 85 | Trevor Camilleri | €116.47 | €116.47 | D | PF | refund of deposit for placing machinery at Triq il-Lampara | 09/06/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| 86 | UniJob | €36.46 | €36.46 | D | PF | Rollers, trays and rods for painting façade of Civic Centre | 01/06/11 | 21518 | 3595 | 3595 | 2375 | |
| 87 | UniJob | €323.50 | €323.50 | D | PF | Paint for façade of Civic Centre | 31/05/11 | 21510 | 3590 | 3590 | 2375 | |
| 88 | Union Print | €48.24 | €48.24 | D | PF | Advertising | 31/12/10 | AI004071 | 3470B | 3470B | 2940 | |
| 89 | Union Print | €48.24 | €48.24 | D | PF | Advertising | 28/02/10 | AI002131 | 3218 | 3218 | 2940 | |
| 90 | Vince Gatt | €116.47 | €116.47 | D | PF | refund of deposit for placing machinery at Triq ir-Ridott | 09/06/11 | n/a | n/a | n/a | 4006 | |
| | **Sub Total c/f** | **€1,045.64** | **€1,045.64** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€53,007.72** | **€52,927.45** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€54,053.36** | **€53,973.09** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Vodafone | €95.00 | €95.00 | D | PF | May 2011 monthly fee | 01/06/11 | 2446512062011 | n/a | n/a | 2160 | |
| 47 | WasteServ Malta Ltd. | €6,918.25 | €6,918.25 | D | PF | Allocated MSW waste - April 2011 (293.15 Tonnes) | 16/05/11 | 9387 | n/a | n/a | 3040 | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,013.25** | **€7,013.25** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€54,053.36** | **€53,973.09** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€61,066.61** | **€60,986.34** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier